MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2007

Numru. 509/2007

Il-Pulizija
(spettur Mario Tonna)
vs
Carmel Xerri

Illum 14 ta' Gunju 2007.

IL-QORTI

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra Carmel Xerri u dan talli nhar it-13 ta' Gunju 2007 ghall-habta ta' 9.30am waqt li kien gewwa l-Fergha tal-Bank of Valletta, Marsa, ikkommetta serq ta' portmoni u s-somma ta' LM320.0 fi flus kontanti a detriment ta' Maria Theresa Spencer mill-Marsa, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-persuna.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lill-akkuzat jiddikjara li ma ghandux oggezzjoni li jigi ggudikat minn din il-Qorti.

Semghet lil akkuzat, minn jeddu, jammetti l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Issibu hati talli nhar it-13 ta' Gunju 2007 ghall-habta ta' 9.30am waqt li kien gewwa l-Fergha tal-Bank of Valletta, Marsa, ikkommetta serq ta' portmoni u s-somma ta' LM320.0 fi flus kontanti a detriment ta' Maria Theresa Spencer mill-Marsa, liema serq huwa aggravat bil-valur.

Rat l-artikoli 261, 267 u 268 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

In rigward il-piena, wara li l-Qorti semghet lill-partijiet u rat il-fedina penali tal-akkuzat;

Wara li kkunsidrat li r-refurtiva kollha giet irkuprata u moghtija lura lid-derubata;
Wara li rat li l-akkuzat ikkollabora pjenament mal-pulizija;

Tara li ghandha tapplika Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna li l-akkuzat jigi liberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sitt (6) xhur millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------